

Brussell, 21 ta' Awwissu 2023
(OR. en)

12382/23

SAN 490
MI 691
FISC 174
UD 173

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	17 ta' Awwissu 2023
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2023) 491 final
Suġġett:	RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL dwar l-eżerċizzju tas-setgħa li jiġu adottati atti delegati mogħtija lill-Kummissjoni skont id-Direttiva 2014/40/UE dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi tal-Istati Membri rigward il-manifattura, il-preżentazzjoni u l-bejgħ tat-tabakk u prodotti relatati

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2023) 491 final.

Mehmuż: COM(2023) 491 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 17.8.2023
COM(2023) 491 final

**RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-
KUNSILL**

dwar l-eżerċizzju tas-setgħa li jiġu adottati atti delegati mogħtija lill-Kummissjoni skont id-Direttiva 2014/40/UE dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi tal-Istati Membri rigward il-manifattura, il-preżentazzjoni u l-bejgħ tat-tabakk u prodotti relatati

1. INTRODUZZJONI

L-objettiv tad-Direttiva 2014/40/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-3 ta' April 2014 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi tal-Istati Membri rigward il-manifattura, il-preżentazzjoni u l-bejgħ tat-tabakk u prodotti relatati u li tassar id-Direttiva 2001/37/KE¹ ("id-Direttiva dwar il-Prodotti tat-Tabakk") hu li tapprossima l-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi tal-Istati Membri li jikkonċernaw:

- (a) l-ingredjenti u l-emissjonijiet tal-prodotti tat-tabakk u l-obbligi tar-rapportar relatati inkluż il-livelli massimi tal-emissjonijiet għall-qatran, in-nikotina u l-monossidu tal-karbonju għas-sigaretti;
- (b) ċerti aspetti tat-tikkettar u l-ippakkjar tal-prodotti tat-tabakk inkluż it-twissijiet tas-saħħa li jridu jidhru fuq il-pakketti individwali tal-prodotti tat-tabakk u fuq l-ippakkjar estern kif ukoll il-karatteristiċi tat-traċċabbiltà u tas-sigurtà applikati għall-prodotti tat-tabakk biex tiġi żgurata l-konformità tagħhom ma' dik id-Direttiva;
- (c) il-projbizzjoni fuq it-tqegħid fis-suq tat-tabakk għall-użu orali;
- (d) il-bejgħ transfruntier mill-bogħod tal-prodotti tat-tabakk;
- (e) l-obbligu li tiġi ppreżentata notifika dwar il-prodotti tat-tabakk ġodda;
- (f) it-tqegħid fis-suq u t-tikkettar ta' ċerti prodotti, li huma relatati mal-prodotti tat-tabakk, jiġifieri s-sigaretti elettroniċi u l-kontenituri tar-rikarika, u l-prodotti erbali għat-tipjip.

Id-Direttiva għandha l-għan li tiffaċilita l-funzjonament bla xkiel tas-suq intern tat-tabakk u tal-prodotti relatati, ibbażat fuq livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem, speċjalment għaż-żgħażagħ u li tissodisfa l-obbligi tal-Unjoni Ewropea skont il-Konvenzjoni Qafas tal-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa (WHO) għall-Kontroll tat-Tabakk ("FCTC") li l-Unjoni Ewropea aċċediet għalih fit-30 ta' Ġunju 2005.

Soġġett għal ċerti kundizzjonijiet, l-Artikolu 27 tad-Direttiva dwar il-Prodotti tat-Tabakk jagħti s-setgħa li l-Kummissjoni tadotta l-atti delegati msemmija fl-Artikolu 3(2), l-Artikolu 3(4), l-Artikolu 4(3), l-Artikolu 4(5), l-Artikolu 7(5), l-Artikolu 7(11), l-Artikolu 7(12), l-Artikolu 9(5), l-Artikolu 10(3)(a), l-Artikolu 10(3)(b), l-Artikolu 11(6), l-Artikolu 12(3), l-Artikolu 15(12), l-Artikolu 20(11) u l-Artikolu 20(12).

2. BAŻI ĠURIDIKA

Dan ir-rapport huwa meħtieġ skont l-Artikolu 27(2) tad-Direttiva dwar il-Prodotti tat-Tabakk, li jagħti s-setgħa li l-Kummissjoni tadotta atti delegati għal perjodu ta' 5 snin mid-19 ta' Mejju 2014. Il-Kummissjoni jeħtieġ tfassal rapport fir-rigward tad-delega ta' setgħa mhux aktar tard minn 9 xhur qabel tmiem il-perjodu ta' 5 snin. Id-delega tas-setgħa hija estiża awtomatikament għal perjodi ta' żmien identiċi, dment li l-Parlament

¹ ĠU L 127, 29.4.2014, p. 1.

Ewropew jew il-Kunsill ma joġġezzjonawx għal tali estensjoni mhux iktar tard minn 3 xhur qabel tmiem kull perjodu.

3. EŻERĊIZZJU TAD-DELEGA FIL-PERJODU ATTWALI

Il-Kummissjoni adottat l-ewwel rapport dwar l-eżerċizzju tad-delega tas-setgħat skont id-Direttiva dwar il-Prodotti tat-Tabakk fit-8 ta' Awwissu 2018².

Matul il-perjodu attwali ta' 5 snin skont l-estensjoni taċita tad-delega tas-setgħat, il-Kummissjoni adottat att delegat wieħed skont l-Artikoli 7(12) u 11(6) tad-Direttiva dwar il-Prodotti tat-Tabakk.

L-Artikolu 7(12) jagħti s-setgħa li l-Kummissjoni tadotta atti delegati għall-irtirar tal-eżenzjoni għal kategorija partikolari ta' prodotti tat-tabakk, għajr is-sigaretti u t-tabakk tal-brim, mill-projbizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 7(1) u (7), jekk ikun hemm tibdil sostanzjali fiċ-ċirkustanzi kif stabbilit f'rapport tal-Kummissjoni. Bl-istess mod, l-Artikolu 11(6) jagħti s-setgħa li l-Kummissjoni tirtira l-possibbiltà li l-Istati Membri jagħtu eżenzjonijiet tat-tikkettar għal kategoriji partikolari ta' prodotti tat-tabakk għat-tipjip, għajr is-sigaretti, it-tabakk tal-brim u t-tabakk tal-pipa tal-ilma, jekk ikun hemm tibdil sostanzjali fiċ-ċirkustanzi tal-kategorija tal-prodott ikkonċernat, kif stabbilit f'rapport tal-Kummissjoni.

Fil-15 ta' Ġunju 2022, il-Kummissjoni adottat rapport³ li stabbilixxa tibdil sostanzjali fiċ-ċirkustanzi⁴ rigward il-prodotti tat-tabakk imsaħħna. Ir-rapport jipprovdi informazzjoni u statistika dwar l-iżviluppi tas-suq. Dan wera li kien hemm żieda ta' mill-inqas 10% fil-volumi tal-bejgħ tal-prodotti tat-tabakk imsaħħna f'ħames Stati Membri jew aktar, u li l-volumi tal-bejgħ tal-prodotti tat-tabakk imsaħħna fil-livell tal-bejgħ bl-imnut qabeż it-2,5% tal-bejgħ totali tal-prodotti tat-tabakk fil-livell tal-UE.

Għaldaqstant, minħabba dak it-tibdil sostanzjali fiċ-ċirkustanzi rigward il-prodotti tat-tabakk imsaħħna, il-Kummissjoni adottat id-Direttiva Delegata (UE) 2022/2100 tad-29 ta' Ġunju 2022 li temenda d-Direttiva 2014/40/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-irtirar ta' ċerti eżenzjonijiet fir-rigward tal-prodotti tat-tabakk imsaħħna⁵ ("Id-Direttiva Delegata"). Din id-Direttiva Delegata estendiet il-projbizzjoni tat-tqegħid fis-suq tal-prodotti tat-tabakk b'toġhma karatterizzanti jew li jkun fihom aromi f'xi wieħed mill-komponenti tagħhom bħal filtri, karti, pakketti, kapsuli jew kwalunkwe karatteristika teknika li tippermetti l-modifika tar-riħa jew tat-toġhma tal-prodotti tat-tabakk ikkonċernati jew l-intensità tad-duħħan tagħhom, li diġà tapplika għas-sigaretti u t-tabakk tal-brim, għall-prodotti tat-tabakk imsaħħna. Għall-istess raġunijiet, din irtirat il-

² Ir-Rapport tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-eżerċizzju tas-setgħa li jiġu adottati atti delegati mogħtija lill-Kummissjoni skont id-Direttiva 2014/40/UE dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi tal-Istati Membri rigward il-manifattura, il-preżentazzjoni u l-bejgħ tat-tabakk u prodotti relatati (COM/2018/579 final).

³ Ir-Rapport tal-Kummissjoni dwar l-istabbiliment ta' bidla sostanzjali taċ-ċirkustanzi għall-prodotti tat-tabakk imsaħħan f'konformità mad-Direttiva 2014/40/UE (COM/2022/279 final).

⁴ Skont it-tifsira tal-Artikolu 2(28) tad-Direttiva dwar il-Prodotti tat-Tabakk.

⁵ ĠU L 283, 3.11.2022, p. 4.

possibbiltà li l-Istati Membri jagħtu eżenzjonijiet għall-prodotti tat-tabakk imsaħħna, sakemm dawn ikunu prodotti tat-tabakk għat-tipjip, minn ċerti obbligi tat-tikkettar, jiġifieri l-obbligu li jintwera l-messaġġ tal-informazzjoni stabbilit fl-Artikolu 9(2) u t-twissijiet tas-saħħa kkombinati stabbiliti fl-Artikolu 10 tad-Direttiva dwar il-Prodotti tat-Tabakk.

Qabel l-adozzjoni tiegħu, l-abbozz tad-Direttiva Delegata ġie ppreżentat lill-Grupp ta' Esperti dwar il-Politika tat-Tabakk⁶, li twaqqaf biex fost affarijiet oħra jiżgura konsultazzjoni esperta xierqa għat-tnejn tal-atti delegati. Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ġew mistiedna sistematikament għal-laqgħat ta' dan il-grupp ta' esperti. Id-dokumenti rilevanti għal dawn il-konsultazzjonijiet intbagħtu fl-istess ħin lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, kif previst fil-Fehim Komuni bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar l-Atti Delegati⁷. Wara l-adozzjoni, id-Direttiva Delegata ġiet innotifikata lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill u dan tal-aħħar talab li l-iskadenza tiġi estiża b'xahrejn. La l-Parlament Ewropew u lanqas il-Kunsill ma oġġezzjonaw għad-Direttiva Delegata adottata mill-Kummissjoni skont id-Direttiva dwar il-Prodotti tat-Tabakk fil-perjodu estiż previst fl-Artikolu 27(5) ta' dik id-Direttiva.

4. KONKLUŻJONI

Matul il-perjodu tar-rapportar attwali ta' 5 snin, il-Kummissjoni adottat att delegat abbażi tal-Artikoli 7(12) u 11(6) tad-Direttiva dwar il-Prodotti tat-Tabakk. F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni eżerċitat is-setgħat delegati mogħtija minn dawk l-Artikoli f'konformità mal-objettiv, l-ambitu u l-kontenut tad-delega.

Fir-rigward tas-setgħat delegati l-oħra mogħtija fid-Direttiva dwar il-Prodotti tat-Tabakk⁸, il-prekundizzjonijiet biex dawn jiġu eżerċitati ma ġewx issodisfati fil-perjodu attwali ta' 5 snin.

Jenħtieġ li ż-żmien tad-delega tas-setgħat mogħtija lill-Kummissjoni skont id-Direttiva dwar il-Prodotti tat-Tabakk jiġi estiż kif stabbilit fl-Artikolu 27(2) ta' dik id-Direttiva, u jitqies li wara l-ewwel rapport tal-Kummissjoni, la l-Parlament Ewropew u lanqas il-Kunsill ma opponew tali estensjoni. Il-ħsieb wara d-delega ma nbidilx u s-setgħat mogħtija huma essenzjali biex jintlaħqu l-objettivi tad-Direttiva dwar il-Prodotti tat-Tabakk, jiġifieri li jiġi ffaċilitat il-funzjonament bla xkiel tas-suq intern tat-tabakk u tal-prodotti relatati, ibbażat fuq livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem.

Il-Kummissjoni tistieden lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jieħdu nota ta' dan ir-rapport.

⁶ Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2014)3509 final tal-4 ta' Ġunju 2014 li tistabbilixxi l-grupp ta' esperti dwar il-politika tat-tabakk.

⁷ L-Anness dwar il-Ftehim Interistituzzjonali bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet (OJ L 123, 12.5.2016, p. 1).

⁸ L-ewwel rapport dwar l-eżerċizzju tad-delega tas-setgħat skont id-Direttiva dwar il-Prodotti tat-Tabakk ipprova informazzjoni dwar l-atti delegati adottati skont l-Artikolu 10(3)(b) u l-Artikolu 15(12).